# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum id-29 t'Ottubru 2019**

Appell numru 112 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Angel ATTARD**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-1 t'April 2019 fil-konfront ta' Angel ATTARD, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 18777M fejn ġie mixli talli

> nhar it-03 ta' Jannar, 2017, ghall-habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar (13:30hrs), gewwa San Giljan:
>
> 1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja tieghu f'periklu, jew iggiblu dizordni f'mohhu, ikkaguna offiia ta' natura gravi fuq il-persuna

ta' Christian Anthony Agius (ID – 446692M), hekk kif Certifikata minn Dr. Jeffrey Farrugia (Med. Reg. 3214).
2. Attakka jew ghamel reiistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li din kienet qed taggixxi ghall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni moghti skont il-Liġi mill-awtorita' kompetenti.
3. Hebb kontra il-persuna ta' Christian Anthony Agius (ID – 446692M) sabiex ingurja,dejjaq jew ghamel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor.
4. Saq il-vettura ta' ghamla Volkswagen b'numru tar-registrazzjoni ANG312 perikoluż, traskurat u negligenti.
5. Irrenda ruhu reċidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Galea Debono datata 23 ta' Gunju 2005, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tiġi mibdula.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 218(1)(a)(b)(2) u 339(1)(d) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, iddeċidiet illi filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, fuq ammissjoni ssibu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha, u b'applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita' u dan wara li qieset li f'din l-ordni ta' Servizz fil-Komunita huwa meħtieġ li l-ħati jagħmel xogħol bla ħlas jew xogħol bla ħlas u taħriġ, kif rakkommandat fir-rapport rilaxxjat mill-Uffiċċjal tal-Probation u dan għall-perijodu ta' mitejn u ħamsin (250) siegħa kif gie speċifikat fl-ordni.

3. Il-Kummissarju tal-Pulizija ħass ruħu aggravat b'din is-sentenza u permezz ta' nota ai termini tal-artikolu 414(1) tal-Kodiċi Kriminali talab lil dik il-Qorti sabiex tibgħat lill-Avukat Ġenerali kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tal-kawża u n-nota tax-xhieda.

4. Permezz ta' rikors datat 22 t'April 2019, l-Avukat Ġenerali interpona appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati aktar il-fuq imsemmija u qajjem is-segwenti aggravji :

a. il-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha hawn fuq riferita, ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi meta nonostante l-fatt li sabet l-imputat hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta ma ordnatx l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-hati hekk kif kontemplat fl-Artikolu 15(2) tal-istess Ordinanza;
b. minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena erogata, kienet fic-cirkostanzi piena miti wisq.

U b'hekk l-Avukat Ġenerali talab lil din il-Qorti sabiex : -

(i) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat mit-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu;
(ii) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet lohra kollha migjuba kontra tieghu;
(iii) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, kkundannat lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti l-ammont ta' elf hames mija u sitt ewro u erbghin centeżmu rappreżentanti spejjeż peritali;
(iv) thassarha f'dik il-parti fejn b'applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta poggiet lill-imputat qua appellat taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' u fejn ordnat li huma mehtieg li l-hati jaghmel xoghol bla hlas jew xoghol bla hlas u tahrig ghall-perjodu ta' mitejn u hamsin siegha;
(v) u minflok tghaddi sabiex tinfliggi fil-konfront tal-imputat appellat l-piena karcerarja idoneja skond il-ligi,
(vi) kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-hati hekk kif kontemplat fl-Artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

JEW ALTERNATTIVAMENT**:-**

(i) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat mit-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

(ii) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet lohra kollha migjuba kontra tieghu;

(iii) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannat lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti l-ammont ta' elf hames mija u sitt ewro u erbghin centeżmu rappreżentanti spejjeż peritali;

(iv) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn b'applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta poggiet lill-imputat qua appellat taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' u fejn ordnat li huma mehtieg li l-hati jaghmel xoghol bla hlas jew xoghol bla hlas u tahrig ghall-perjodu ta' mitejn u hamsin siegha;

(v) b'dana pero li tordna ukoll l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-hati hekk kif kontemplat fl-Artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illiż-żewġ aggravji tal-Avukat Ġenerali effettivament jittrattaw il-piena li ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ. L-ewwel aggravju jittratta l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli timponi l-konsegwenza tas-sospensjoni tassattiva tal-liċenza u dan wara ammissjoni da parti tal-imputat appellat għar-reat ta' sewqan ta' vettura bil-mutur b'mod perikoluż, traskurat u negliġenti. It-tieni aggravju jittratta dak li l-Avukat Ġenerali jqis bħala piena miti wisq komminata mill-Qorti tal-Maġistrati għar-rigward tar-reati li tagħhom sabet lill-appellant ħati fuq l-ammissjoni tiegħu.

6. Illi meta din il-Qorti ġiet biex tistħarreġ l-appell, hija qrat u eżaminat l-atti proċesswali u wara li għamlet dan l-eżerċizzju tqis li qabel xejn għandha tissofferma ruħha fuq dan il-punt relattiv għall-ammissjoni kif tidher li ġiet reġistrata mill-appellat, u dan fi stadju

fejn il-kawża kienet immaturat sew, wara li nstemgħu il-provi kollha, inkluż tal-imputat stess, u wara li ġie preżentat *social inquiry report*. Din id-dikjarazzjoni t'ammissjoni ġiet reġistrata waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2018 u verbalizzata b'dan il-mod : -

> Meta ssejhet il-kawza deher l-ufficjal prosekutur l-ispettur Matthew Spagnol.
>
> Deher l-imputat assistti minn Dr Amadeus Cachia u Dr Franco Debono.
>
> Deher il-parte civile.
>
> Il prosekuzzjoni tirtira t-tieni akkuza peress li ma tirrizultax.
>
> Giet registrata ammissjoni liema ammissjoni insistha fuqha wara li l-Qorti taghtu cans jahseb fuqha u dan mighajr pregudizzju ghall-kwalunkwe proceduri fil-Qorti Civili.
>
> Saret trattazzjoni.
>
> Kawza differita ghat-3 ta' Lulju ghas-sentenza.
>
> L-imputat notifikat in awla.

7. Din il-Qorti tifhem li għal raġunijiet ta' prattiċita' u sforz tal-kwantita' kbira ta' każijiet li l-Qrati tal-Maġistrati iridu jittrattaw, mhux dejjem ikun possibbli għal dawk il-Qrati li fil-verbali tas-seduti jniżlu kelma b'kelma dak li jkun seħħ fl-Awla. Dan pero, jista' jkollu konsegwenzi serji fuq il-proċeduri kondotti quddiemhom. Għalkemm hemm aspetti tal-proċedura li ma hemmx għalfejn ikunu verbalizzati b'mod dettaljat ħafna, hemm oħrajn pero li jeħtieġu li jkunu magħmula b'reqqa kbira. Dan b'mod partikolari f'dawk il-każijiet li jkunu jaqgħu fil-kompetenza estiża

tal-Qrati tal-Maġistrati, fejn il-pieni jistgħu ilaħqu sa' massimu ta' tnax il-sena priġunerija.

8. Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Jesmond Pulis,***[1] kienet spjegat kif il-proċeduri fejn imputat jirreġistra ammissjoni għandhom jiġu regolati quddiem il-Qrati tal-Maġistrati. L-għan ta' din is-sentenza kien li jiġi żgurat li meta tiġi reġistrata ammissjoni, l-imputat ikun qiegħed jammetti għal dawk ir-reati li jkunu ġew kontestati lilu u li huwa jkun irid li jammetti għalihom u li fil-kontemp, meta huwa jagħmel dan, l-imputat ikun qiegħed jifhem eżattament il-konsegwenzi tad-deċiżjoni li jkun sejjer jieħu meta jirreġistra tali ammissjoni. Dan peress li ammissjoni ta' ħtija għal kommissjoni ta' reati kriminali inevitabbilment iġġib magħha konsegwenzi serji ħafna fuq il-ħajja ta' dik il-persuna u ta' dawk qrib tiegħu.

9. Għalkemm din il-Qorti temmen li dik il-Qorti tal-Maġistrati kif presjeduta proċediet skont dak li trid il-Liġi u l-ġurisprudenza f'sitwazzjonijiet simili, il-verbal tas-seduta a fol 359 huwa skarn wisq minn dettalji biex wieħed ikun jista' jikkonferma dan. Fil-kawża ***Pulis*** aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qieset li, *inter alia*, in-nuqqas ta' tħaris ta' dawk il-formalitajiet hemm imsemmija kien iwassal għad-dikjarazzjoni tan-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti tqis li huwa

[1] deċiża fit-18 ta' Lulju 2017 u li għalkemm kienet titratta ammissjoni fi stadju bikri ħafna tal-azzjoni, minnha jitnisslu diversi prinċipji li huma t'applikabbilita' ġenerali għal sitwazzjonijiet fejn imputat jirreġistra ammissjoni fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri.

importanti li l-verbali tas-seduti, b'mod partikolari f'każijiet analogi, jkunu miktuba b'mod dettaljat biex jindikaw b'mod ċar li dik il-proċedura tkun ġiet segwita mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan l-aspett proċedurali huwa huwa importanti, u mhux biss formalita'.

10. Pero indipendentement minn dak li għadu kif intqal, din l-ammissjoni tal-imputat ġiet reġistrata **<u>wara</u>** li l-Avukat Ġenerali kien ippreżenta n-nota tar-rinviju għall-ġudizzju b'riżerva,[2] u **<u>wara</u>** li l-Uffiċjal Prosekutur kien għamel id-dikjarazzjoni li huwa kien qiegħed jiddikjara li huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi.[3] Dik il-Qorti imbagħad ipproċediet biex segwiet il-proċedura relattiva għall-konverżjoni f'Qorti ta' ġudikatura kriminali.

11. Kif intqal, fil-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2018,[4] l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li huwa kien qiegħed jirtira t-tieni "*akkuza*" għaliex skontu, din ma kienetx tirriżulta. Fis wara din id-dikjarazzjoni ġie verbalizzat ukoll li l-appellant kien qiegħed jirreġistra ammissjoni.

12. Minn qari tal-atti proċesswali u tas-sentenza[5] din il-Qorti hija konvinta li meta l-imputat appellat irreġistra dik l-ammissjoni, huwa għamel dan bil-premessa li l-Uffiċjal Prosekutur kien irtira t-tieni imputazzjoni. Biss din il-Qorti tqis li tali ammissjoni ma

---

[2] Ara fol 251.
[3] Ara fol 254.
[4] Ara fol 359.
[5] B'mod partikolari a fol 454.

setgħetx legalment tkun bażata fuq din il-premessa, in kwantu tali premessa kienet bażata fuq żball ta' Liġi proċedurali.

13. Għalkemm l-Uffiċjal Prosekutur għamel id-dikjarazzjoni li huwa kien qiegħed jirtira t-tieni imputazzjoni, huwa ma kellux setgħa bil-Liġi li jagħmel dan. Meta l-Avukat Ġenerali ħareġ in-nota tar-rinviju għall-Ġudizzju tiegħu, l-Avukat Ġenerali għażel li jwettaq wieħed mis-setgħet konferiti lilu bl-Artikolu 370(3)(a)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Ladarba huwa l-Avukat Ġenerali li għandu s-setgħa bil-Liġi li joħroġ dan l-att akkużatorju, f'dak l-istadju, l-Uffiċjal Prosekutur bħala rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija, ma kienx għad fadallu dik is-setgħa li, *marte proprio*, jiddeċiedi li jirtira xi imputazzjonijiet.

14. Din il-Qorti ma għandhiex dubju li l-Uffiċjal Prosekutur kien qiegħed jaġixxi *in buona fede*; iżda meta għamel dak il-verbal, l-Uffiċjal Prosekutur ma qiesx sewwa l-effett tad-dikjarazzjoni tiegħu fuq il-proċeduri kontra l-appellat, in kwantu dik id-dikjarazzjoni probabbilment ħajret jew nkoraġġiet lill-appellat biex jirreġistra ammissjoni. Biss jekk ġara hekk, allura kien ifisser li l-appellat kien qiegħed jibbaża l-ammissjoni tiegħu fuq premessa li kienet legalment żbaljata. U stando ma dak li hemm miktub fil-verbal tas-seduta, għadda biex irreġistra ammissjoni mingħajr riżervi.

15. Jekk l-appellat ried jirreġistra ammissjoni, li ma kienetx tinkludi t-tieni imputazzjoni wkoll, huwa ma setgħax jistrieħ fuq id-dikjarazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur u jirreġistra ammissjoni

mingħajr riżerva. Għall-kuntrarju, huwa ried jivverbalizza b'mod ċar u inekwivoku li kien qiegħed jirreġistra l-ammissjoni tiegħu fuq l-imputazzjonijiet kollha għajr ħlief għat-tieni imputazzjoni. Dan pero ma jirriżultax li sar f'dan il-każ.

16. Illi f'dan il-kuntest, din il-Qorti tqis li din l-ammissjoni ma tiswiex. Dak li forsi l-partijiet xtaqu li jilħqu, legalment ma setgħux jilħquh b'dak il-mod. Anzi l-effetti ta' dik il-manuvra proċedurali jwaslu lil din il-Qorti tikkonkludi li dak li hemm reġistrat li seħħ ma jistax jitqies li jissodisfa l-vot formali tal-Liġi f'materja t'akkużi formali quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali.

17. Illi wara dan il-verbal a fol 359, ma jirriżultax li xi ħadd mill-partijiet ġibed l-attenzjoni tal-Qorti għal din is-sitwazzjoni proċeduralment anomala. Anzi l-Qorti baqgħet għaddejja bit-trattazzjoni tal-każ, inkluż b'talba mill-Qorti biex il-partijiet jittrattaw l-akkuża numru ħamsa (wieħed jifhem l-addebitu tar-reċidiva) li l-Qorti rrimarkat li l-imputat appellat kien ammetta għaliha.[6] Minn hemm il-kwistjoni li tresqet quddiem dik il-Qorti kienet tiċċentra dwar preżentata ta' noti ta' sottomissjonijiet, ħatriet t'esperti psikjatriċi u kwistjonijiet ta' spejjeż u danni.

18. Mill-banda l-oħra l-Qorti tal-Maġistrati jidher li aktar tard proċediet fuq din is-sitwazzjoni proċeduralment anomala u minkejja l-ammissjoni mingħajr riżervi kif verbalizzata, fis-sentenza tagħha, a fol 453 qieset li l-appellant ma kienx ammetta l-ħtija tiegħu fir-

[6] Ara l-verbal a fol 360.

rigward tat-tieni imputazzjoni u għaddiet biex tittratta wkoll it-tieni imputazzjoni - daqs li kieku l-appellat ma kienx ammetta għaliha. L-iżball proċedurali tal-Uffiċjal Prosekutur għalhekk baqgħa jitkaxkar matul il-kumplament tal-proċedura penali inkluż billi ħalla l-effett tiegħu fuq l-analiżi tal-Qorti u fis-sentenza tagħha.

19. Biss kif diġa ġie rilevat aktar il-fuq mill-verbal a fol 359 l-ammissjoni tal-appellat ma kienetx tgħid hekk. Anzi jekk xejn, dik il-Qorti qieset li dik kienet ammissjoni bla riżervi; iżda li kif intwera' kienet bażata fuq, u konsegwenzjali, għad-dikjarazzjoni inkonsegwenzjali tal-Uffiċjal Prosekutur li kien qiegħed jirtira t-tieni imputazzjoni.

20. Il-Qorti tal-Maġistrati qieset li l-imputat appellat ma kienx ammetta għat-tieni imputazzjoni u kompliet biex tiddetermina jekk l-imputat appellat kienx jista' jiġi misjub ħati tat-tieni imputazzjoni. Din kienet tkun il-posizzjoni korretta kieku l-imputat appellat kien irreġistra ammissjoni b'riżerva għat-tieni imputazzjoni, ħaġa li f'dan il-każ ma tirriżultax li saret.

21. Biss, kemm dik il-Qorti wkoll kellha impressjoni ta' ammissjoni "*inkondizzjonata*" da parti tal-appellat jirriżulta wkoll minn fol 454 fejn meta dik il-Qorti waslet fil-parti fejn ġiet biex teroga l-piena fuq l-imputat appellat saħqet li l-ordni ta' servizz fil-komunita u l-ksur potenzjali tiegħu żgur għandhom iservu ta' deterrent fuq l-imputat appellat biex jassigura li ma jerġax isib ruħu fuq l-għatba tal-inkarċerazzjoni – *konsegwenza inevitabbli tenut kont tal-ammissjoni inkondizzjonata tieghu f'dawn il-proceduri*. Biss kif intqal aktar il-fuq,

l-ammissjoni tal-imputat appellat **ma kienetx** mingħajr riżervi; iżda kienet bażata fuq premessa legali żbaljata. Is-sentenza li ingħatat minn dik il-Qorti kienet għalhekk bażata wkoll fuq dik il-premessa żbaljata fis-sens li l-imputat appellat kien ammetta in bażi għal dak li kien seħħ fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2018. Din il-Qorti tqis li dan huwa difett proċedurali serju stante li jolqot direttament l-istitut li jirregola kemm il-formalita proċedurali tal-ammissjoni għal reati kriminali kif ukoll is-sustanza tal-istess istitut.

22. Dan peress li ammissjoni ta' ħtija għal reat kriminali trid tkun volontarja, ċara u inekwivoka. Trid tkun magħmula b'mod infurmat dwar in-natura tal-imputazzjonijiet u tal-konsegwenzi tal-ammissjoni għalihom. L-ammissjoni ma tistax tkun valida fil-każ li l-imputat espressament jinnega l-ħtija tiegħu għal xi reat; jew meta indirettament juri li l-intenzjoni tiegħu mhix dik li jammetti għal xi reat. L-ammissjoni trid tkun il-frott ta' deċiżjoni konxja u voluta da parti tal-imputat li jkun irid jammetti l-ħtijiet tiegħu għal raġunijiet li huwa jqis li jkunu xierqa. L-ammissjoni trid tkun ħielsa fis-sens li ma tistax tkun konsegwenza ta' pressjoni jew xi forma ta' koerzjoni fiżika jew psikoloġika fuq l-imputat jew saħansitra l-frott ta' xi żball ta' fatti jew ta' dritt, proċedurali jew sostantiv.[7]

[7] L-ammissjoni trid tkun ineċċepibbli kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza tagħha. Dan kollu jrid jiġi rifless fil-verbal tas-seduta fejn tali ammissjoni tkun qegħda ssir. Għalhekk il-Qorti trid tassigura li din id-dikjarazzjoni ta' ammissjoni trid tkun magħmula b'mod li l-imputat ikun qiegħed jifhem :-

(i) li huwa jkun kiser il-Liġi kriminali;
(ii) li l-ammissjoni tiegħu tkun tolqot l-elementi kollha tar-reat;
(iii) in-natura u l-konsegwenzi li jitnisslu mill-ammissjoni ta' ħtija għal kommissjoni ta' reati kriminali;
(iv) li l-ammissjoni tiegħu trid tkun ċara u inekwivoka;

23. Illi n-nuqqas t'osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti kumulattivi jissarraf f'difetti proċedurali tali li jirrendu kemm l-ammissjoni kif ukoll is-sentenza appellata inċerta, mhux ta' min jistrieħ fuqha u konsegwentement nulla.[8]

## *Deċide*

Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi, għall-motivi premessi, tannulla s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame,* f'dan il-każ, qegħda tagħżel li

---

(v) li l-ammissjoni tiegħu tiġi reġistrata fil-preżenza tiegħu, u idealment meta jkun legalment assistit u dan wara li jkun ingħata żmien biżżejjed biex ikun jista' jieħu parir u jirrifletti fuq id-deċiżjoni tiegħu u biss wara dan huwa jkun jista' jtenni l-ammissjoni;

(vi) li l-Qorti ma tkunx marbuta bid-dikjarazzjoni t'ammissjoni tiegħu, jekk il-Qorti tqis li tali ammissjoni ma tkunx tissodisfa l-voti tal-Liġi;

(vii) li jekk ikun sar ftehim ta' qabel is-sentenza, l-Qorti ma tkunx marbuta bil-ftehim milħuq bejnu u bejn il-Prosekuzzjoni.

[8] Hemm ukoll imbagħad aspett ieħor li jolqot il-*piena* inflitta. Il-Qorti imponiet sentenza ta' servizz fil-komunita fuq sejbien ta' ħtija tar-reat t'offiża gravissima fuq il-persuna ai termini tal-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali. L-ordni ta' servizz fil-komunita huwa regolat bl-artikoli 11 et seq tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaqra hekk : -

> (1) Ordni ta' servizz fil-komunità tista' tingħata lil ħati li jkollu sittax-il sena u fuqhom, li jkun ġie dikjarat ħati ta' reat li dwaru, fil-fehma tal-qorti, is-sentenza adatta għandha, ħlief għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, tkun waħda ta' priġunerija. Dak ir-reat m'għandux ikun punibbli biss b'xi multa jew ammenda u ma jistax ikun reat, li minbarra minn kull żjieda fil-kastig minħabba fit-tkomplija jew f'xi dikjarazzjonijiet preċedenti ta' ħtija, ikun punibbli bi priġunerija għal żmien iżjed minn seba' snin u d-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm mal-artikolu 7(2) għandhom japplikaw mutatis mutandis għal dan is-subartikolu.

Ir-reat t'offiża gravissima fuq il-persuna **ma huwiex** wieħed minn dawk ir-reati, li minbarra minn kull żjieda fil-kastig minħabba fit-tkomplija jew f'xi dikjarazzjonijiet preċedenti ta' ħtija **mhux** punibbli bi priġunerija għal żmien iżjed minn seba' snin. Dan peress li l-piena bażi għar-reat t'offiża gravissima fuq il-persuna ai termini tal-artikoli 214 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kodiċi Kriminali, skont kif kien fiż-żmien meta seħħ ir-reat, kienet tvarja bejn disa' xhur sa' disa' snin priġunerija. Għal sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat, *in abstracto*, dik il-Qorti setgħet timponi piena ta' priġunerija li **setgħet tkun** għola minn seba' snin priġunerija. Għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx timponi din il-miżura ta' servizz fil-komunita bħala piena f'dan il-każ. L-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, għalkemm jagħmel riferenza espliċita għall-artikolu 7(2) tal-istess Kapitolu, speċifikament iżomm il-parametri tal-piena karċerarja li ma għandhomx jaqbżu s-sebgħa snin u b'hekk din ir-regola speċifika tidderoga dak li hemm fil-proviso tal-artikolu 7(2) tal-istess Kapitolu, in kwantu dan il-proviso huwa applikabbli għall-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta *mutatis mutandis* – u għalhekk mhux bla riżervi.

tirrinvija l-atti tal-proċess lill-Qorti tal-Maġistrati biex, prevja kwalunkwe dikjarazzjonijiet u twissijiet li jridu jsiru skont il-Liġi, tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi dan il-każ skont il-liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***